MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 18/2007

**Bonaventura *sive* Benny Camilleri**
**u martu Mary Grace Camilleri**

**vs**

**Godwin Cutajar, Dr Geraldine Spiteri bhala amministratur tal-*condominium* Veduta Court, Xemxija Hill, St Paul's Bay**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Gunju, 2007, l-Arbitru fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> "Fatti tal-Kaz
>
> Bonaventura sive Benny Camilleri u martu Mary Grace Camilleri pprezentaw avviz ta' arbitragg u

talbu li arbitru jiddeciedi dwar "ordni sabiex jigu mnehhija l-extractor unit, impjant ta' l-arja kondizzjonata, accessorji ta' l-istess (in parte anke fuq il-washroom li tappartjeni lir-rikorrent) u tankijet ta' l-ilma mqeghda ilkoll fuq il-partijiet komuni tal-condominium mill-intimat Godwin Cutajar liema oggetti jservu proprjeta estranja ghall-condominium.

Godwin Cutajar irrisponda li l-extractor unit, impjanti ta' arja kundizzjonata u accessorji twahhlu fil-partijiet komuni tal-kondominju 'l fuq minn ghoxrin sena ilu bil-permess tas-sidien originali tal-block u bl-awtorizzazzjoni ta' l-amministraturi tal-block matul is-snin. Ghalhekk id-dritt tar-rikorrenti li jipprocedu ghat-tnehhija taghhom huwa preskritt.

Illi huwa qua sid tal-Flat Nru. 2 fl-istess block huwa sid ta' sest indiviz mill-partijiet komuni u ghandu dritt jaghmel uzu minnhom kif specifikat fir-regoli tal-kondominju; minghajr pregudizzju mhux minnu li l-extractor unit, impjanti ta' arja kundizzjonata u accessorji ohra qed joholqu nkonvenjent lill-abitanti tal-block.

Dr Geraldine Spiteri bhala amministratura tal-kondominju rrispondiet hekk:

a) Illi l-kwistjoni kienet diga deciza minn amministratur precedenti tant illi kien hemm permess, ghalkemm tacitu biex issir l-affissjoni ta’ l-extractor;
b) Illi dan l-extractor kien diga s-suggett ta’ kawza fil-qrati bejn r-rikorrenti u l-intimat Cutajar fejn Cutajar talab li jitnaqqas il-hoss. Illi b’ ezekuzzjoni ta’ din id-decizjoni tal-Qorti, l-intimat Cutajar kien wahhal extractor li kien iqum aktar flus izda illi kien aktar silenzjuz u ghal dan l-iskop kien nefaq bosta flus;
c) Cutajar juza dawn l-fixtures ghan-negozju ewlieni tieghu.

Dr. Spiteri ppresentat kontro-talba fejn talbet li l-konjugi Camilleri jigu ordnati jhallsu s-sehem taghhom ta’ l-ispejjez li saru fil-condominium.

Illi l-konjugi Camilleri (Camilleri) qal li l-kontro-talba hija legalment insostenibbli stante li mhix konnessa mat-talba u hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2156 tal-Kap 16.

Illi l-ewwel arbitru appuntat kienet Dr. Anna Mallia li ddecediet li l-arbitru ma ghandux gurisdizzjoni li jisma’ la t-talba tar-rikorrenti u lanqas il-kontro-talba ai termini tal-Kap 398.

Sar Appell minn din id-decisjoni.

Il-Qorti ta’ l-Appell (Kompetenza Inferjuri) ddecediet li t-talba kif promossa kompriz il-kontro-talba jinvolvu kwistjonijiet li jirrientraw fil-gurisdizzjoni ta’ l-Arbitru, kif prospettat taht il-Kapitolu 398.

Wara dan l-esponent gie nominat bhala arbitru.

Ghalhekk l-esponent zamm seduta, semgha t-trattazzjoni tal-partijiet u illum jinsab fil-posizzjoni li jirrelata kif gej:

Konsiderazzjonijiet ta’ l-arbitru:

Illi bhala fatt jirrisulta li Cutajar bil-kunsens ta' diversi mis-sidien l-ohra tul is-snin qieghed juza parti mill-bejt sabiex jaghti servizzi lin-negozju tieghu li mhux parti mill-propieta in kwistjoni.

Illi dawn l-fixtures ilhom hemm ghal zmien twil izda mhux ghal 30 sena u ma hemm ebda kuntratt publiku li jawtorizza lil Cutajar izomm l-istess fuq il-bejt.

Illi Camilleri jammettu li meta xtara kien hemm : air condition unit wiehed u zewg tankijiet ta' l-ilma u extractor unit qadim u pajpijiet accessorji ghaddejjin fuq ic-cinta tal-bejt tieghu.

Illi skond Cutajar l-air conditioning unit, tank ta' l-ilma gew installati fl-istess perjodu u cioe 1983 u 1984. Zewg air condition units u iehor gew installati sentejn jew tlett snin ilu u dawn jinsabu fil-common parts fl-area fejn hemm il-kamra tal-bejt u jaqdu lil Guang Zhou Restaurant. It-tank ta' l-ilma l-iehor jaqdi lid-dar tieghu.

Dr. Spiteri tghid li l-extractor ilu hemm xi ghoxrin sena u li hemm qbil mas-sidien l-ohra tal-fatt li dan jibqa' hemm u min jigi wara Cutajar ikollu ihallas "fee".

Illi skond l-artikolu 22(7) tal-Kap 398 -"decisions which concern ... (d) the making of alterations to the common parts ... shall be valid if approved by a number of condomini representing not less than two thirds of the units represented during the meeting.

Illi suppost dawn id-decisjonijet iridu jkunu tali li igibu "improvement or the more comfortable use or better enjoyment of the common parts (8(1) " - illi f' dan il-kaz l-alterazzjonijiet ma jaqdux il-condomini fl-uzu tal-common parts izda biss jaqdu lil Cutajar li qieghed juza parti mill-bejt sabiex jaghti servizzi lir-restaurant tieghu.

Illi f' kull kaz anki jekk hemm decisjoni tal-condomini, ai termini ta' l-artikolu 23 - "any condominius who disagrees with a decision of the meeting on the grounds that the decision is contrary to law or to the regulations of the condominium or is unreasonable or oppressive may refer the matter to arbitration."

Illi ghalhekk kienu r-rikorrenti li kellhom juru li d-decisjoni kien kontra l-ligi, jew regolamenti, jew "unreasonable or oppressive".

Illi r-rikorrenti jaghmlu riferenza ghal kawzi Air Malta vs. South Rays (PA 30/6/2004) u Grech vs. Ellis (Appell 29/10/2004).

Illi s-sentenza Grech vs. Ellis isemmi diversi sentenzi li jikkonfermaw li: "ir-rinunzji huma di stretto diritto u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli ma' konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta' preciza ta' rinunzja." Intqal ukoll li l-ligi stess tikkontempla terminu ta' tletin (30) sena biex wiehed jesercita tali dritt:

"bil-fatt wahdu li l-attur ma agixxiex prontamement u halla hafna zmien jghaddi qabel ma ha azzjoni, jista' jinghad li beda jinsorgi d-dubju dwar kemm l-attur ried jagixxi kontra l-gar li bena mhux skond il-ligi - izda min naha l-ohra, l-attur kien il-hin kollu konfortat mill-fatt li bil-ligi huwa kien ghadu fit-terminu legali biex jagixxi."

Illi Cutajar jaghmel riferenza ghal kawza Salvatore Vella vs. Felice Camilleri PA 29 ta' Marzu 1957. Illi f’ din il-kawza gie deciz li servitu legali tista’ tigi modifikata u ghal bzonn rinunzjata minn min ghandu interess ... "konsegwentement, jekk wiehed jiehu bicca art b'cens biex jibni fuqha u fiz-zmien tal-koncessjoni l-koncedent, sid tal-fond vicin, ga' kellu tieqa fil-fond tieghu f’ distanza inferjuri ghal dik legali, u l-akkwirent ma jaghmel ebda oppozizzjoni ghal dik it-tieqa, u ma jipprotestax ghaliha la bil-fomm u lanqas bil-miktub fl-att tal-koncessjoni, huwa ghandu jirrispetta l-istat tal-fond allura ezistenti, u ma jistax jitlob il-kundanna ta' sid il-fond vicin biex inehhi dik it-tieqa jew jaghlaqgha. Ghax l-aljenant huwa obligat jikkonsenja l-fond lill-akkwirent fl-istat li kien fi zmien l-aljenazzjoni".

Illi r-rikorrenti xtraw il-flat taghhom fil-4 ta' Mejju 1989. Meta xtraw kien hemm l-air condition unit, tankijiet ta' l-ilma u extractor unit. Illi r-rikorrenti ma gabux provi li oggezzjonaw ghal dawn qabel ma xtraw.

Jirrisulta li ghal erba' snin wara li xtara l-post r-rikorrenti kienu ihallsu s-sehem taghhom mill-ispejjes tal-komun.

Eccezzjonijiet:

Illi l-ewwel eccezzjoni ta' Godwin Cutajar huwa li "d-dirtt tar-rikorrenti li jipprocedu ghat-nehhija … huwa preskritt".

Illi Cutajar ma jsemmi l-ebda artikolu tal-ligi biex jissostanzja dan is-sottomissjoni u ghalhekk l-arbitru ghandu bil-fors jichad din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Cutajar jghid ukoll li bhala sid ghandu dritt jaghmel uzu mill-partijiet komuni u li l-extractor unt, impjanti ta' arja kkundizzjonata u accessorji ohra mhux qed joholqu inkonvenjent.

Illi l-fatt li l-extractor unit u impjanti ohra mhux qed joholqu inkonvenjent ma ifissirx necessarjament li Cutajar ghandu dritt li juza xi partijiet komuni biex iservu propieta li mhix parti mill-block in kwistjoni.

Illi l-amministratur Dr. Geraldine Spiteri qalet li

a) l-kwistjoni diga giet deciza minn amministratur precedenti "tant li kien hemm permess ghalkemm tacitu" biex issir l-affissjoni ta' l-extractor. Illi l-fatt li hemm decizjoni tal-amministatur ma ifissirx li sid jitlef id-dritt jitlob li jkun hemm proceduri ta' arbitragg (Art. 21 tal-Kap 398).
b) Illi l-extractor kien diga suggett ta' kawza fil-Qrati. Illi l-fatt li kien hemm kawza qabel ma jfissirx

li r-rikorrent tilef id-dritt li jitlob li ssir arbitragg. Ma gie esebit ebda sentenza tal-Qorti.
c) Illi "dawn il-fixtures" huma mehtiega ghax-xoghol ta’ l-intimat li huwa l-qliegh ewlieni tieghu. Illi l-arbitru ma jistax jidhol fi kwistjonijiet dwar qliegh tal-parti billi l-punt li jrid jigi deciz huwa jekk Cutajar qed jaghmel uzu abbusiv u illegali tal-partijiet komuni meta installa dawn l-impjanti u jekk d-decisjoni tal-amministratur jew sidien precedenti li jaccettaw dawn l-impjanti jista’ jigi attakkat mir-rikorrenti.

**Sar uzu abbuziv u illegali ta' partijiet fil-condominium?**

Illi skond il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Angelo Vella datat 4 ta' Mejju 1989 r-rikorrent Camilleri xtara l-flat bil-washroom u "a divided portion of the roof ... u "share in the common parts with the other flats, of the entrance, hall, stair case and lift ...". Dan ifisser li Camilleri ma ghandux "a share in the roof hlief ghal "divided part" liema parti hija kif jirrisulta mill-kuntratt ta' akkwist. Ma hemmx affarjiet ta' Cutajar fuq dan id-"divided part". Ghalhekk Camilleri ma jistax jitlob li l-items jigu mnehhija mis-saqaf billi fejn qieghdin mhux parti mill-propieta li l-partijiet ghandhom in komuni.

Camilleri mhux is-sid tal-washroom numru hamsa (5).

In vista ta' dan l-esponent jissottometti li Camilleri ma jistax jitlob li jigu mnehhija l-extractor unit, impjant ta' l-arja kondizzjonata, accessorji ta' l-istess u tankijet ta' l-ilma mqeghda ilkoll fuq il-bejt billi mhux minnu li dawn qieghdin fuq il-partijiet li l-konjugi Camilleri ghandhom sehem minnhom.

Kontro-Talba

Illi fl-1 ta' Marzu 2006 Dr. Geraldine Spiteri bhala amministratur tal-condominium ghamlet kontro-

talba sabiex ai termini ta’ l-artikolu 26 ta' Kap 398 il-konjugi Camilleri jigu ordnati jhallsu l-kontribuzzjoni ghal sehem ta’ l-ispejjez li saru fl-interess tal-condominium.

Illi fir-risposta taghhom l-konjugi Camilleri issotomettew li l-kontro-talba hija legalment insostenibbli stante li mhix konnessa mat-talba u fi kwalunkwe kaz minghajr predudizzju ghal premess il-kontro-talba hija kolpita bil-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikolu 2156 tal-Kap 16 u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Illi l-artikolu 2156 tal-Kap 16 jipprovdi li certi azzjonijiet huma preskritti fi zmien hames snin. Illi kien d-dover ta' min jecepixxi l-preskrizzjoni li isemmi l-artikolu specifiku u mhux semplicement artikolu li ghandu diversi soggetti differenti. Ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi diga gie deciz mill-Qorti ta’ l-Appell f’ din il-kawza li l-kontro-talba flimkien mat-talba originali "jinvolvu kwestjonijiet li jirrientraw fil-gurisdizzjoni ta' l-Arbitru, kif prospettat taht il-kapitolu 398."

Illi dwar l-eccezzjoni li l-kontro-talba hija legalment insostenibbli stante li mhix konnessa mat-talba ai termini ta' l-artikolu 396 tal-Kap 12 l-esponent jissottometti li l-kontro-talba hija bazata fuq il-fatt li bhala sid Camilleri ghandu jhallas is-sehem tieghu ta' l-ispejjes u Camilleri ippresenta l-azzjoni ghaliex sostna li bhala sid ghandu dritt li jinsisti li Cutajar inehhi l-oggetti mill-comon parts. Ghalhekk din l-eccezzjoni ta' Camilleri hija michuda.

Illi billi ma hemmx eccezzjonijiet ohra ghat-talba ta' Dr. Geraldine Spiteri bhala amministratur tal-condominium Veduta Court l-arbitru jilqa’ t-talba taghha.

> Ghaldaqstant l-artbitru jichad it-talba tal-konjugi Camilleri sabiex jigu mnehhija l-extractor unit, impjanti ta' l-arja kondizzjonata, accessorji ta' l-istess u tankijiet ta' l-ilma u jordna lil konjugi Camilleri sabiex ihallsu Lm172.82 kif mitlub minn Dr. Geraldine Spiteri (ara paragrafu 6 tan-nota taghha).
>
> Bl-ispejjes kontra l-konjugi Camilleri.”

L-appell tar-rikorrenti konjugi Camilleri hu artikolat fuq l-obbjezzjoni illi l-Arbitru interpreta zbaljatament il-fatti u ghamel interpretazzjoni errata ta’ l-ipotesi tal-ligi. B’ mod specifku l-appellanti jiddeducu s-segwenti b’ sostenn ta’ din l-obbjezzjoni taghhom:-

(i) L-intimat Cutajar installa apparati u mpjanti fil-partijiet komuni ad uzu esklusiv tal-fond adebit bhala restaurant li lanqas jifforma parti mill-kondominju;

(ii) Li tali installazzjoni saret b’ mod abusiv u illegali. F’ kull kaz, il-fatt ta’ l-installazzjoni jikkostitwixxi se mai tolleranza dipendenti mill-volonta` taghhom u, in kwantu tali, huma jistghu f’ kull waqt jitolbu r-rimozzjoni tal-hwejjeg hekk installati;

(iii) L-intimat Cutajar b’ dak li ghamel jigi li approprja ghalih partijiet komuni ghall-uzu estraneju minn dak tal-kondomini. Addizzjonalment, l-apparat installat ma jistax jitqies li jikkonsisti f’ benefikat jew ekwiparat ghall-uzu aktar komdu jew tgawdija ahjar tal-partijiet komuni, kif jiddisponi l-Artikolu 8 (1) tal-Kapitolu 398;

(iv) Kwantu ghall-intimata l-ohra, amministratrici tal-*condiminium*, din naqset li tipprovdilhom rimedju;

Ghal dawn is-sottomissjonijiet l-appellat Cutajar iwiegeb sintetikament kif gej:-

(i) L-aggravju ma huwiex specifiku bizzejjed biex jirrispetta r-rekwiziti taht l-Artikolu 70A ta' l-Att dwar l-Arbitragg ghad-dritt ta' appell minn decizjoni ta' l-Arbitru quddiem din il-Qorti;

(ii) L-appellanti ma kellhomx dritt li jitolbu t-tnehhija ta' apparat f' ambjenti li ma humiex komuni u li fuqhom huma stess ma ghandhomx drittijiet;

(iii) Huwa kellu l-kunsens tas-sidien originali tal-blokk ghall-installazzjoni taghhom. Dippju, meta l-appellanti xtraw l-appartament taghhom huma lanqas ma pprotestaw ghall-apparati installati li kienu diga jezistu f' dak il-mument;

(iv) L-appellanti lanqas ma jistghu jilmentaw minn ksur ta' bwon vicinat in kwantu r-rimedju disponibbli lilhom ghal dan l-ilment ma setax jaghtihulu l-arbitragg;

(v) Il-konkluzjoni ahharija ta' l-Arbitru mhix bazata fuq xi interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi [Artikolu 22 (7) u (8) tal-Kapitolu 398] izda fuq l-accertament fattwali li l-installazzjonijiet li taghhom l-appellanti qed jitolbu t-tnehhija ma jinstabux fil-partijiet komuni;

Minn naha ta' l-intimata l-ohra din tissottometti li l-kondomini l-ohra ma qablux li l-intimat Cutajar ghandu jigi mgieghel inehhi l-apparat;

Premess l-aggravju sottomess u t-twegibiet ta' l-appellati, il-Qorti tahseb li ghandha qabel kollox tippremetti hi wkoll dan li jsegwi:-

(1) Ghall-applikabilita` ta' l-Att dwar il-Condominia (Kapitolu 398) irid jirrizulta illi l-kwestjoni kontestata tivverti fuq il-proprjeta` jew l-uzu jew it-tgawdija *pro indiviso* ta' partijiet komuni f' korp ta' bini. Ara Artikolu 2 (1) ta' l-Att. Li jfisser, illi l-kondominju f' bini jew grupp ta' bini jrid jkun karatterizzat mill-ko-ezistenza, flimkien mal-proprjeta` ta' l-*unit* jew appartament singolari, ta' komunjoni forzuza (ara

Artikolu 7 ta' l-Att) tal-komdomini kollha ta' dawk l-elementi komuni tal-korp ta' bini li l-uzu taghhom hu hekk necessarju ghall-fini tal-godiment tas-singolu appartament jew *unit*;

(2) Li skond l-Att dwar l-Arbitragg (Kapitolu 378) l-appell lil din il-Qorti hu wiehed ristrett ghall-punt ta' ligi li jitnissel minn decizjoni finali. Li jfisser, illi fejn dan il-punt ta' ligi ma jkunx jezisti din il-Qorti hi prekluza milli tissindika l-apprezzament tal-provi fattwali maghmul mill-Arbitru;

Maghmula dawn il-premessi, jidher minn ezami tar-rizultanzi processwali quddiem l-Arbitru, u l-aktar dik tas-sentenza appellata, illi l-ewwel ostakolu li kien jinkombi fuq l-appellanti li jissuperaw kien dak li manifestament juru u jistabilixxu illi tabilhaqq l-parti tal-korp ta' bini li maghha kienu addentellati jew imqeghda l-installazzjonijiet ta' l-appellat Cutajar kienet effettivament tifforma parti integrali mill-beni komuni;

Huwa veru li l-appellanti huma assistiti mill-presunzjoni dettata fl-Artikolu 5 tal-Kapitolu 398 in kwantu dan jindividwa kategoriji diversi ta' beni komuni in raguni tar-rapport strutturali jew funzjonali li fihom ikunu jinsabu fl-edificju kondominjali. Fosthom ukoll l-arja tal-bejt. Izda, l-appellanti jibqghu hekk mghejjuna minn din il-presunzjoni "kemm-il darba ma jirrizultax xort' ohra mit-titolu tas-sidien ta' l-oqsma separati, jew sakemm ma jkunx hemm qbil mod iehor bejn il-*condomini* b' att pubbliku". Li jfisser, illi l-provvediment tal-ligi, krejatur tal-presunzjoni, jista' jigi derogat minn dak tat-titolu ta' akkwist li jkun espressament iddispona liema huma dawk il-beni li ghandhom jitqiesu komuni;

Proprju f' dan il-kaz, in bazi ghall-indagini valutativa tieghu, jidher car li l-Arbitru kkonstata illi mill-istess att ta' akkwist ta' l-appellanti (ara kuntratt ta' l-4 ta' Mejju 1989, atti Nutar Angelo Vella) ir-"*roof*" tal-korp ta' bini ma setax

kien komdominjali. Dan kemm ghaliex dan ma kienx jissemma fost il-“*common parts*” fil-kuntratt, kemm ghaliex, se mai, l-appellanti kellhom biss “*a divided part*” tieghu. Eskluz ukoll mill-Arbitru illi l-appellanti kienu, jew kellhom xi sehem, mill-proprjeta` tal-*washroom* numru hamsa, huwa ghadda biex jiddeduci, fuq il-bazi ta’ din il-verifika u ta’ l-espressjoni l-ohra ta’ fehma dedotta mill-interpretazzjoni tieghu tal-kuntratt, illi l-appellanti lanqas kellhom interess guridiku biex jippromwovu dik it-talba taghhom ghar-raguni illi l-installazzjonijiet ma kienux jinsabu f’ parti tal-bini li tista’ tikkwalifika bhala komuni. La dan kien hekk il-kaz mill-punto di vista ta’ l-interpretazzjoni fattwali tal-materja, kien ragonevolment ovvju illi f’ dan il-kaz, b’ dawn il-fatti, kien jonqos il-presuppost ta’ xi rikonoxximent ta’ kon-titolarita fl-appellanti ta’ dik il-parti tal-bejt. Logikament, dan ghar-raguni wkoll illi d-destinazzjoni partikolari ta’ dik il-parti, dejjem fit-termini tal-kontenut kontrattwali *de quo,* ma setghetx titqies inkorporata f’ beni komuni ta’ titolu ta’ ko-proprjeta jew ta’ uzu u tgawdija komuni. Jikkonsegwi illi l-istess termini tal-kuntratt kienu jeghlbu l-attribuzzjoni legali dettata fl-Artikolu 5 ta’ l-Att;

Minn dan l-inkwadrament tal-vertenza maghmul mil-Arbitru ma jidherx li kien guridikament f’ loku illi l-kwestjoni tigi appezantita jew ikkumplikata b’ referenza ghal kunsens o meno tas-sidien antecedenti ta’ l-installazzjonijiet li saru jew, jekk dak li sar kienx gie protest mill-appellanti fiz-zmien ta’ l-akkwist, jew, ukoll kellux ikun preventivament approvat minn xi maggoranza determinata tal-kondomini, ghal liema jirreferu l-incizi (7) u (8) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Att. Effettivament, anke jekk is-sentenza appellata tirreferi ghal dan l-artikolu u dak l-iehor 8 (1) ta’ l-Att, l-Arbitru dan jaghmlu bhala parti mill-kunsiderazzjonijiet tas-sottomissjonijiet maghmula u mhux biex jaghti riljev jew sahha lill-istat ta’ fatt kif minnu determinat mill-atti probatorji;

L-appellanti ma jistghux jippretendu illi fuq il-pretest li l-Arbitru enuncja dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi fis-

sentenza appellata huma fakoltizzati jintroducu appell minn kwestjoni li, fl-ahhar mill-ahhar, kienet wahda purament fattwali. Fil-verita`, il-kwestjoni ta' fatt ma gietx maqtugha in bazi ghall-enuncjazzjoni ta' dawk il-provvedimenti jew ta' xi interpretazzjoni zbaljata taghhom, u la dan huwa hekk, din il-Qorti ma tistax tirrevedi l-apprezzament ta' fatt hekk maghmul. Kif drabi ohra espress, jigu ri-ezaminati l-fatti ghad-definizzjoni ta' kawza bhala konsegwenza ta' l-ezistenza ta' punt ta' ligi (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 383**). Dan, hawnhekk, ma huwiex il-kaz.

Ghal motivi kollha superjorment dedotti, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------